**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Repubblika ta' Malta**

**(Avukat Sean Azzopardi)**

**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**Shaun Curmi**

**Kumpilazzjoni Numru:** 103/23

**Illum, sbatax (17) ta' April 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Shaun Curmi detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0324003L f'isem ir-Repubblika ta' Malta

akkuzat talli, matul ix-xahar t'Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) gewwa Triq il-Lanca, fil-vicinanzi tal-pont Sant'Iermu, il-Belt Valletta, u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax-il sena, liema persuna hija vulnerabbli ghaliex hija persuna ta' taht il-hmistax-il sena; *Artikoli 18, 204C(1), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta*

3. offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;
*Artikoli 18, 209 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta*

Talli matul ix-xahar t'Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), u x-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

4. permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' jew irranga li jiltaqa' ma' -Omissis— imwielda nhar -Omissis-, persuna ta' taht l-eta', li ma kienx jemmen ragjonevolment illi hija ta' eta' ta' izjed minn sittax (16)-il sena, bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta waqt jew wara l-imsemmija laqgha, liema proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha;
   *Artikoli 18, 208AA(1) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija *ai termini* tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur -Omissis-;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-

Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli indikati u cioè l-Artikolu 18, 204C(1), 208AC(1)(b), 208AC(2)(a), 209, 208AA(1), 412C, 383, 384, 385 u 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni u stante li t-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza u stante li ghal dan il-kaz japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 204(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat Shaun Curmi hati tal-akkuzi

kif dedotti kontra tieghu u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin mil-lum flimkien ma' Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal zmien tliet (3) snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza, liema Ordnijiet ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**